2023/2481

14.11.2023

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2481

tal-10 ta' Novembru 2023

li tistabbilixxi meded indikattivi għall-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għar-raba' perjodu ta' referenza (2025–2029)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3), il-punt (a) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 11(3), il-punt (a), tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, il-Kummissjoni hija responsabbli biex tistabbilixxi, għal kull perjodu referenzjarju tal-iskema ta' prestazzjoni u ta' imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network, miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni tas-sikurezza, l-ambjent, il-kapaċità u l-kosteffiċjenza. Ir-regoli dettaljati dwar l-istabbiliment ta' dawk il-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha mill-Kummissjoni huma stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(2) Il-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għar-raba' perjodu referenzjarju ("RP4"), li jkopri s-snin kalendarji mill-2025 sal-2029 inklużi, għandhom jiġu adottati sal-1 ta' Ġunju 2024.

(3) Bi tħejjija għal dawk il-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha, l-Artikolu 9(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 jirrikjedi li l-Kummissjoni tippubblika meded indikattivi tal-miri għal kull qasam ewlieni tal-prestazzjoni ("KPA"), li jikkonsistu fil-valuri minimi u massimi annwali li fihom il-Kummissjoni beħsiebha tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha. Dawk il-meded tal-miri indikattivi għandhom jintużaw mill-Kummissjoni għall-fini ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati msemmija fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, persuni u organizzazzjonijiet rilevanti oħra u, rigward aspetti ta' sikurezza, mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni ("EASA").

(4) Il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni ("PRB") maħtur mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 ippropona meded indikattivi tal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP4 f'rapport ippreżentat lill-Kummissjoni fid-29 ta' Settembru 2023.

(5) F'dak ir-rapport, il-PRB ippreżenta fid-dettall is-suppożizzjonijiet, ir-raġunament u l-analiżi li fuqhom huma bbażati l-meded tal-miri indikattivi proposti fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni tas-sikurezza, l-ambjent, il-kapaċità u l-kosteffiċjenza. Fir-rigward tal-evoluzzjoni tat-traffiku prevista għall-RP4, il-PRB għamel użu mill-aħħar tbassir tat-traffiku bażi ta' STATFOR tal-Eurocontrol disponibbli, ippubblikat fil-31 ta' Marzu 2023.

(6) Il-meded indikattivi tal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha stabbiliti f'din id-Deċiżjoni jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-valuri proposti mill-PRB fir-rapport tiegħu msemmi fil-premessi (4) u (5), u jenħtieġ li jkunu sostnuti mill-metodoloġija robusta, *data* komprensiva, u analiżi kwantitattiva u kwalitattiva estensiva ppreżentati f'dak ir-rapport.

(7) Fir-rigward tal-KPA tas-sikurezza, jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni lit-titjib fl-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza miksub matul it-tielet perjodu ta' referenza ("RP3") u lit-titjib ulterjuri meħtieġ fid-dawl tal-aħħar żviluppi regolatorji u operazzjonali.

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.
([2]) ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1.

(8) Għall-fini tal-kalkolu tal-meded indikattivi tal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-KPA ambjentali, jenħtieġ li titqies il-prestazzjoni storika miksuba f'dak il-KPA, il-benefiċċji stmati li jirriżultaw mill-miżuri stabbiliti fil-Pjan ta' Titjib tan-Network Ewropew tar-Rotot imsemmi fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/123 ([3]), fil-verżjoni tiegħu ppubblikata f'Lulju 2023 ([4]), u l-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq il-flussi tat-traffiku tal-ajru fl-ispazju tal-ajru. Barra minn hekk, il-meded indikattivi tal-miri tal-prestazzjoni proposti għall-Unjoni kollha fil-KPA ambjentali jenħtieġ li jqisu r-riżultati ta' studju mwettaq mill-PRB dwar l-interdipendenzi bejn l-ambjent u l-KPAs tal-kapaċità, li ntuża biex jiġi vvalutat l-impatt tar-restrizzjonijiet tal-kapaċità mistennija fuq l-ambjent tal-KPA fl-RP4.

(9) Għall-fini tal-kalkolu tal-meded indikattivi tal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-KPA tal-kapaċità, jenħtieġ li l-ewwel nett titqies il-prestazzjoni tal-kapaċità storika tal-Fornituri tas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru ("ANSPs"), b'enfasi fuq id-dewmien fil-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru ("ATFM") minħabba r-restrizzjonijiet tal-kapaċità tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru ("ATC") jew ir-raġunijiet tal-persunal tal-ATC. It-tieni, għall-okkorrenza storika ta' interruzzjonijiet fis-servizz tan-navigazzjoni bl-ajru minħabba kawżi mhux relatati mal-ATC flimkien mal-impatt ta' dewmien avvers relatat mat-temp fuq il-forniment tal-kapaċità. It-tielet, għall-pjanijiet għat-titjib tal-kapaċità tal-"ANSPs" li huma inklużi fil-Pjan Operattiv tan-Network Ewropew imsemmi fl-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/123, fl-Annessi tiegħu ppubblikati f'April 2023 ([5]). Fir-rigward tal-benefiċċji operazzjonali mistennija fl-RP4 mill-funzjonalitajiet tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru ("ATM") parti mill-"Proġett Komuni Wieħed" SESAR u stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/116 ([6]), għall-iżvilupp ta' meded indikattivi tal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP4 jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni lill-analiżi prodotta mill-Maniġer tal-Mobilizzazzjoni tas-SESAR u annessa mar-rapport tal-PRB.

(10) Fir-rigward tal-KPA tal-kosteffiċjenza, id-*data* preliminari dwar il-kost u t-traffiku għall-RP4 ippreżentata mill-Istati Membri sal-1 ta' Ġunju 2023 jenħtieġ li tintuża bħala wieħed mill-inputs għall-kalkolu tal-meded indikattivi tal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP4. Il-meded indikattivi tal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha huma sostnuti aktar mill-analiżi esperta tal-PRB li tħares' il quddiem tal-bażijiet tal-kostijiet tal-RP4 u tal-potenzjal għal titjib fil-kosteffiċjenza matul l-RP4, filwaqt li jitqiesu l-interdipendenzi ma' KPAs oħra. Jenħtieġ li titqies ukoll analiżi tal-ineffiċjenzi stmati tal-kostijiet fil-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route fil-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema ta' prestazzjoni u ta' imposti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-meded indikattivi tal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għar-raba' perjodu referenzjarju ("RP4"), li jikkonsistu fil-valuri minimi u massimi annwali li fihom il-Kummissjoni beħsiebha tistabbilixxi dawk il-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha, huma stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/123 tal-24 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011 (ĠU L 28, 31.1.2019, p. 1).

([4]) https://www.eurocontrol.int/publication/european-route-network-improvement-plan-ernip-part-2

([5]) https://www.eurocontrol.int/publication/european-network-operations-plan-2023-2027

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/116 tal-1 ta' Frar 2021 dwar l-istabbiliment tal-Proġett Komuni Wieħed li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Pjan Regolatorju Ewropew għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru previst fir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 409/2013 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 716/2014 (ĠU L 36, 2.2.2021, p. 10).

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Meded indikattivi għall-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għar-raba' perjodu referenzjarju ("RP4")

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA

L-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, li tvarja mil-livell A sa D tal-EASA

Il-livell ta' effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza li għandu jinkiseb mill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, imqassma skont l-objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza	**Livell inferjuri għall-miri għall-Unjoni kollha** (għandu jinkiseb sal-2029)	**Livell superjuri għall-miri għall-Unjoni kollha** (għandu jinkiseb sal-2029)
Politika u objettivi tas-sikurezza	**C**	**C**
Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	**D**	**D**
Assigurazzjoni tas-sikurezza	**C**	**C**
Promozzjoni tas-sikurezza	**C**	**C**
Kultura tas-sikurezza	**C**	**C**

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-AMBJENT

Effiċjenza tat-titjir medja orizzontali en route tat-trajettorja reali

Effiċjenza tat-titjir medja orizzontali en route tat-trajettorja reali, espressa bħala perċentwal.	**2025**	**2026**	**2027**	**2028**	**2029**
Livell superjuri għall-miri għall-Unjoni kollha	2,71 %	2,70 %	2,69 %	2,67 %	2,66 %
Livell inferjuri għall-miri għall-Unjoni kollha	2,49 %	2,46 %	2,44 %	2,42 %	2,39 %

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ

Dewmien medju fil-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru ("ATFM") en route f'minuti għal kull titjira

Dewmien medju tal-ATFM en route, espress bħala minuti għal kull titjira	**2025**	**2026**	**2027**	**2028**	**2029**
Livell superjuri għall-miri għall-Unjoni kollha	0,50	0,50	0,50	0,40	0,40
Livell inferjuri għall-miri għall-Unjoni kollha	0,41	0,38	0,35	0,33	0,31

IL-QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA

It-tibdil sena wara sena tal-kost unitarju ddeterminat (“DUC”) medju en route tal-Unjoni kollha għal servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route

It-tibdil minn sena wara sena tad-DUC medju en route għall-Unjoni kollha, espress bħala perċentwal	**2025**	**2026**	**2027**	**2028**	**2029**
Livell superjuri għall-miri għall-Unjoni kollha	– 0,7 %	– 0,7 %	– 0,7 %	– 0,7 %	– 0,7 %
Livell inferjuri għall-miri għall-Unjoni kollha	– 3,1 %	– 3,1 %	– 3,1 %	– 3,1 %	– 3,1 %

Valur ta’ bażi għad-DUC medju en route għall-Unjoni kollha għall-RP4, espress f’termini reali f’EUR 2022	**2024**
Valur ta’ bażi stmat għall-meded tal-miri tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza għall-Unjoni kollha għar-RP4	55,61 Euro